SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

18 ta' Diċembru 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 19(2) — Direttiva 2004/83/KE — Livelli minimi dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja — Persuna li tista' tibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja — Artikolu 15(b) — Tortura jew trattament jew sanzjonijiet inumani jew degradanti imposti fuq applikant fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu — Artikolu 3 — Regoli iktar favorevoli — Applikant li jbati minn marda serja — Assenza ta' trattament adatt disponibbli fil-pajjiż ta' oriġini — Artikolu 28 — Protezzjoni soċjali — Artikolu 29 — Kura tas-saħħa"

Fil-Kawża C-542/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour constitutionnelle (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Settembru 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Ottubru 2013, fil-proċedura

Mohamed M'Bodj

vs

État belge,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, Viċi President, M. Ilešič, L. Bay Larsen (Relatur), T. von Danwitz, J.-C. Bonichot u K. Jürimäe, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, E. Juhász, A. Arabadjiev, C. Toader, M. Safjan, D. Šváby, M. Berger u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' Ġunju 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. M'Bodj, minn S. Benkhelifa, avukat,

— għall-Gvern Belġjan, minn C. Pochet u T. Materne, bħala aġenti, assistiti minn J.-J. Masquelin, D. Matray, J. Matray, C. Piront u N. Schynts, avukati,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u B. Beutler, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

— għall-Gvern Grieg, minn M. Michelogiannaki, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn F.-X. Bréchot u D. Colas, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn C. Banner, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Condou-Durande u R. Troosters, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2014,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2(e) u (f), 15, 18, 20(3), 28 u 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96, u rettifiki ĠU 2005, L 204, p. 24 u ĠU 2011, L 278, p. 13).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn M. M'Bodj, ċittadin tal-Mawritanja u l-État belge, dwar iċ-ċaħda mid-Dipartiment Federali Pubbliku tas-Sigurtà Soċjali tat-talba tiegħu intiża għall-allowances ta' kumpens għat-telf ta' dħul u ta' integrazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

3 Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), tipprevedi, fl-Artikolu 3 tagħha, intitolat "Il-projbizzjoni tat-tortura":

"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew piena inumana jew degradanti."

Id-dritt tal-Unjoni

4 Il-premessi 5, 6, 9, 10, 24 u 26 tad-Direttiva 2004/83 huma fformulati kif ġej:

"(5) Il-konklużjonijiet ta' Tampere jipprovdu wkoll li regoli rigward l-istat tar-refuġjati għandhom jiġu kumplimentati b'miżuri dwar forom sussidjarji ta' protezzjoni, li joffru stat xieraq lil kull persuna fil-bżonn ta' din il-protezzjoni.

(6) L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa, mill-banda waħda, li jiżgura li Stati Membri japplikaw kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u, mill-banda l-oħra biex jiżgura li livell minimu ta' benefiċċju huwa disponibbli għal dawn il-persuni fl-Istati Membri kollha.

[...]

(9) Dawk iċ-ċittadini nazzjonali tal-pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat, li huma permessi li jibqgħu fit-territorji ta' l-Istati Membri għal raġunijiet li mhumiex minħabba ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali imma fuq bażi għaqlija (discretionary) [diskrezzjonarja] fuq bażijiet ta' kumpassjoni jew umanitarji, joħorġu barra mill-iskop ta' din id-Direttiva.

(10) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fondamentali u tosserva l-prinċipji magħrufa partikolarment mill-Kapitolu ta' Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea [iktar 'il quddiem il-'Karta']. Partikolarment, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjita tal-bniedem u d-dritt għal kenn (asylum) [ażil] għal applikanti għal kenn (asylum) u l-membri tal-familja li jakkompanjawhom.

[...]

(24) Livelli stabbiliti minimi għad-definizzjoni u l-kontenut ta' stat ta' protezzjoni sussidjara għandhom jiġu preskritti wkoll. Protezzjoni sussidjarja għandha tkun kumplimentari u addizzjonali għall-protezzjoni tar-refuġjati inkwadrata fil-Konvenzjoni [dwar l-istatus tar-refuġjati, iffirmata f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954))].

[...]

(26) Riskji li għalihom popolazzjoni ta' pajjiż jew taqsima tal-popolazzjoni hija ġeneralment esposta normalment ma joħolqux fihom nfushom theddida individwali li tikkwalifika bħala periklu serju."

5 L-Artikolu 2(a), (ċ), (e), (f) u (g) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

a) 'protezzjoni internazzjonali' tfisser l-istat ta' refuġjat u ta' protezzjoni sussidjarja kif definit f'(d) u (f);

[...]

ċ) 'refuġjat' ifisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz li, minħabba f'biża' bir-raġun li jiġi persegwitat għar-raġunijiet ta' razziżmu, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ta' grupp soċjali partikolari, huwa barra mill-pajjiż ta' nazzjonalita u ma jistax, jew minħabba f'din il-biża, ma jixtieqx japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż [...]

[...]

e) 'persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja' tfisser ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ma tikkwalifikax bħala refuġjat imma rigward min intwerew raġunijiet sostanzjali sabiex jitwemmen li l-persuna interessata, jekk tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew fil-każ ta' persuna mingħajr stat, lejn il-pajjiż ta' residenza abitwali ta' qabel tiegħu jew tagħha, jiffaċċja riskju veru li jsofri periklu serju kif definit fl-Artikolu 15, u li għalihom l-Artikolu 17(1) u (2) ma japplikawx, u ma jistax, jew, minħabba f'dan ir-riskju, ma jixtieqx japprofitta ruħu jew ruħha mill-protezzjoni ta' dak il-pajjiż;

f) 'stat [status] ta' protezzjoni sussidjarja' ifisser l-għarfien minn Stat Membru ta' ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja;

g) 'applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali' tfisser talba magħmula minn ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat għal protezzjoni minn Stat Membru, li tista' tinftiehem li tfittex stat ta' refuġjat jew stat ta' protezzjoni sussidjarja, u li ma titlobx espliċitament tip ieħor ta' protezzjoni, barra mill-iskop ta' din id-Direttiva, li tista' ssir applikazzjoni separata għaliha."

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu jdaħħlu jew jżommu livelli stabbiliti aktar favorevoli biex jistabbilixxu min jikkwalifika bħala refuġjat jew bħala persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u biex jistabbilixxu l-kontenut ta' protezzjoni internazzjonali, sakemm u safejn dawk il-livelli stabbiliti huma kompatibbli ma' din id-Direttiva."

7 L-Artikolu 6 tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"Atturi ta' persekuzzjoni jew periklu serju jinkludu:

a) l-Istat

b) partijiet jew organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-Istat jew parti sostanzjali tat-territorju ta' l-Istat;

ċ) atturi mhux ta' l-Istat, jekk ikun jista' jiġi muri li l-atturi msemmija f'(a) u (b), inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali, ma jistgħux jew ma jixtiequx jipprovdu protezzjoni kontra persekuzzjoni jew periklu serju [...]"

8 L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/83, li jinsab fil-Kapitolu V, intitolat "Kwalifika għal protezzjoni sussidjarja", jipprovdi fit-titolu "Periklu serju":

"Periklu serju jikkonsisti minn:

a) piena kapitali jew eżekuzzjoni; jew

b) tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini; jew

ċ) theddida serja u individwali għal ħajja ta' pajżan jew persuna minħabba fi vjolenza indiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat internazzjonali jew intern."

9 Skont l-Artikolu 18 ta' din id-direttiva:

"L-Istati Membri għandhom jagħtu stat ta' protezzjoni sussidjarja lil ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja bi qbil mal-Kapitoli II u V."

10 L-Artikolu 20(3) tal-imsemmija direttiva jippreċiża:

"Fl-implimentazzjoni [tal-Kapitolu VII], l-Istati Membri għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli bħal ma huma minuri, minuri mhux akkompanjati, persuni b'disabbilita, persuni anzjani, nisa tqal, ġenitur wieħed bi tfal minuri u persuni li jkunu ġew suġġetti għal tortura, stupru, jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali."

11 L-Artikoli 28 u 29 tal-istess direttiva, li jinsabu fil-Kapitolu VII, jipprevedu l-għoti ta' benefiċċji ta' assistenza soċjali u aċċess għall-kura tas-saħħa lill-benefiċjarji tal-istatus ta' refuġjati jew tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja.

Id-dritt Belġjan

12 L-Artikolu 9b(1) tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 dwar l-aċċess fit-territorju, ir-residenza, l-istabbiliment u t-tneħħija tal-barranin, fil-verżjoni applikabbli għall-fatti tal-kawża (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980"), jgħid:

"Il-barrani li jirrisjedi fil-Belġju li jipprova l-identità tiegħu skont il-paragrafu 2 u li għandu marda li toħloq riskju reali għal ħajtu jew għall-integrità fiżika tiegħu jew riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti meta ma jkun hemm ebda kura adatta fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew fil-pajjiż fejn jirrisjedi, jista' jitlob l-awtorizzazzjoni ta' residenza fir-Renju tal-Belġju mill-Ministru jew mid-delegat tiegħu."

13 L-Artikolu 48/4 tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 huwa fformulat kif ġej:

"L-istatus ta' protezzjoni sussidjarja jingħata lill-barrani li ma jistax jitqies li huwa refuġjat u li ma jkunx jista' jibbenefika mill-Artikolu 9b, u li fir-rigward tiegħu jeżistu motivi serji li wieħed jemmen li, jekk jintbagħat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew, fil-każ ta' persuna mingħajr Stat, fil-pajjiż li fih kellu r-residenza abitwali tiegħu, huwa jaffaċċja r-riskju reali li jiltaqa' mal-perikli serji msemmija fil-paragrafu (2) u li ma jkunx jista' jew, fid-dawl ta' dan ir-riskju, ma jixtieqx jinvoka l-protezzjoni ta' dan il-pajjiż u dan, sakemm ma jkunx kopert mill-klawżoli ta' esklużjoni msemmija fl-Artikolu 55/4.

§ 2. Għandhom jitqiesu li huma perikli serji:

a) il-piena tal-mewt jew l-eżekuzzjoni; jew

b) it-tortura jew it-trattamenti jew sanzjonijiet inumani jew degradanti tal-applikant fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu; jew

c) it-theddid serju għall-ħajja jew għall-persuna ta' ċivili minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt bl-armi intern jew internazzjonali."

14 L-Artikolu 4 tal-Liġi tas-27 ta' Frar 1987 dwar l-allowances għall-persuni b'diżabbiltà (iktar 'il quddiem il-"Liġi tas-27 ta' Frar 1987") jgħid:

"§ 1L-allowances imsemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jingħataw biss lil persuna li jkollha r-residenza reali tagħha fil-Belġju u li tkun:

1° Belġjana;

2° ċittadina ta' pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea;

[...]

5° refuġjata [...]

[...]

§ 2. Permezz ta' digriet iddeliberat fil-Kunsill tal-Ministri, ir-Re jista', skont kundizzjonijiet stabbiliti minnu, jestendi l-applikazzjoni ta' din il-liġi għal kategoriji oħra ta' persuni bħal dawk imsemmija fl-ewwel paragrafu u li jkollhom ir-residenza reali tagħhom fil-Belġju.

[...]"

15 Permezz tad-Digriet Irjali tad-9 ta' Frar 2009, li emenda d-Digriet Irjali tas-17 ta' Lulju 2006 dwar l-eżekuzzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Liġi tas-27 ta' Frar 1987 dwar l-allowances għall-persuni b'diżabbiltà, ir-Re estenda l-applikazzjoni tal-liġi għall-barranin li huma inklużi fir-reġistru tal-popolazzjoni, b'effett mit-12 ta' Diċembru 2007.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 M. M'Bodj wasal il-Belġju fit-3 ta' Jannar 2006. Huwa ressaq applikazzjoni għall-ażil, u sussegwentement applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' soġġorn għal raġunijiet mediċi, li ġew miċħuda t-tnejn, u ppreżenta diversi appelli kontra dawn id-deċiżjonijiet ta' ċaħda, iżda dawn ma kellhomx eżitu pożittiv.

17 Fis-27 ta' Mejju 2008, M. M'Bodj ippreżenta, abbażi tal-Artikolu 9(b) tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980, applikazzjoni ġdida għall-awtorizzazzjoni ta' soġġorn għal raġunijiet mediċi, motivata bil-konsegwenzi serji li kien qiegħed ibati minnhom wara aggressjoni li huwa ġarrab fil-Belġju. Din l-applikazzjoni ntlaqgħet fid-19 ta' Settembru 2008, u konsegwentement, M. M'Bodj tniżżel fir-reġistru tal-barranin.

18 Wara li rċieva ċertifikat ġenerali li jirrikonoxxi tnaqqis tal-kapaċità ta' dħul u ta' telf ta' awtonomija, M. M'Bodj applika, fil-21 ta' April 2009, għal allowance ta' kumpens għat-telf ta' dħul u ta' integrazzjoni.

19 Fil-5 ta' Ottubru 2009, din l-applikazzjoni ġiet miċħuda mid-Dipartiment federali pubbliku tas-Sigurtà Soċjali abbażi tal-fatt li M. M'Bodj ma kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' nazzjonalità previsti fl-Artikolu 4(1) tal-Liġi tas-27 ta' Frar 1987. Barra minn hekk, dan l-organu kkonstata li M. M'Bodj kien imniżżel fir-reġistru tal-barranin u għalhekk ma kellux id-dritt jistabbilixxi ruħu fil-Belġju.

20 Fil-31 ta' Diċembru 2009, M. M'Bodj ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni li ċaħdet din it-talba, quddiem it-Tribunal tax-xogħol ta' Liège.

21 Indipendentement minn dan ir-rikors, M. M'Bodj ġie awtorizzat, fis-17 ta' Mejju 2010, jibqa' fil-Belġju għal terminu indeterminat, minħabba l-istat ta' saħħa tiegħu.

22 Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, it-Tribunal tax-xogħol ta' Liège ddeċieda li jagħmel domanda preliminari lill-Cour constitutionnelle (Qorti Kostituzzjonali) intiża, essenzjalment, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 4 tal-Liġi tas-27 ta' Frar 1987 jiksirx ċerti dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Belġjana, moqrija flimkien mal-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2004/83, sa fejn jeskludi l-għoti ta' allowances lil persuni b'diżabbiltà li jirrisjedu fil-Belġju abbażi tal-Artikolu 9b tal-Liġi tal-15 ta' Diċembru 1980 u li jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali, prevista f'din id-direttiva, filwaqt li jippermetti l-ħlas ta' dawn l-allowances lir-refuġjati, li, skont din il-qorti, jibbenefikaw mill-istess protezzjoni internazzjonali.

23 Fid-digriet tar-rinviju tagħha, il-Cour constitutionnelle tikkonstata li, filwaqt li diġà ddeċidiet dwar domanda preliminari li tikkonċerna din id-differenza fit-trattament bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' barranin, din id-domanda ma kinitx teħtieġ li hija tieħu inkunsiderazzjoni d-Direttiva 2004/83.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour constitutionnelle ddeċidiet li tissospendi l-kawża quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikoli 2(e) u (f), 15, 18, 28 u 29 tad-Direttiva [2004/83/KE], għandhom jiġu interpretati fis-sens li mhux biss il-persuna li ngħatat, fuq it-talba tagħha, l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja minn awtorità indipendenti mill-Istat Membru, għandha tibbenefika mill-protezzjoni soċjali u mill-kura tas-saħħa msemmija fl-Artikoli 28 u 29 ta' din id-direttiva, iżda wkoll il-persuna barranija li hija awtorizzata minn awtorità amministrattiva ta' Stat Membru li tirrisjedi

fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u li ssoffri minn marda li twassal għal riskju reali għall-ħajja tagħha jew għall-integrità fiżika tagħha jew riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti meta ma jkunx jeżisti trattament adegwat fil-pajjiż ta' oriġini tagħha jew fil-pajjiż fejn tirrisjedi?

2) Jekk l-ewwel domanda preliminari għandha tingħata risposta li timplika li ż-żewġ kategoriji ta' persuni li huma deskritti fiha għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni soċjali u mill-kura tas-saħħa li huma msemmija fiha, l-Artikoli 20(3), 28(2) u 29(2) ta' din l-istess direttiva għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-obbligu impost fuq l-Istati Membri li jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċifika tal-persuna vulnerabbli bħall-persuni diżabbli, timplika li għandhom jingħataw lil dawn tal-aħħar benefiċċji pprovduti bil-Liġi tas-27 ta' Frar 1987 [...] fid-dawl tal-fatt li għajnuna soċjali li tieħu inkunsiderazzjoni d-diżabbli tista' tingħata abbażi tal-Liġi Bażika tat-8 ta' Lulju 1976 dwar ċentri pubbliċi ta' azzjoni soċjali?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

25 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 28 u 29 tad-Direttiva 2004/83, moqrija flimkien mal-Artikoli 2(e), 3, 15 u 18 tagħha, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru huwa marbut jipprovdi l-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa, previsti f'dawn l-artikoli, lil ċittadin ta' pajjiż terz awtorizzat jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tawtorizza r-residenza, fl-imsemmi Stat Membru, ta' barrani li jsofri minn marda li timplika riskju serju għall-ħajja tiegħu jew għall-integrità fiżika tiegħu jew riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti, meta ma jkun jeżisti ebda trattament adatt fil-pajjiż ta' oriġini ta' dan il-barrani jew fil-pajjiż terz fejn kien jirrisjedi qabel.

26 Mill-Artikoli 28 u 29 tad-Direttiva 2004/83 jirriżulta li dawn id-dispożizzjonijiet huma applikabbli għall-benefiċjarji tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja.

27 Issa, huwa paċifiku, minn naħa, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tirregolax l-awtorizzazzjoni ta' residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom biża fondata li jiġu ppersegwitati, fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2004/83 u, min-naħa l-oħra, ma għandhiex l-għan li tagħti l-istatus ta' refuġjat lil ċittadini ta' pajjiż terz li r-residenza tagħhom tkun awtorizzata fuq din il-bażi.

28 Isegwi li, skont l-Artikoli 28 u 29 ta' din id-direttiva, ir-Renju tal-Belġju jkun marbut jagħti l-allowances, previsti f'dawn l-artikoli, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu awtorizzati jirrisjedu fil-Belġju abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali biss jekk l-awtorizzazzjoni ta' residenza tagħhom titqies li tikkonferixxi l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja.

29 Bis-saħħa tal-Artikolu 18 tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu dan l-istatus lil ċittadin ta' pajjiż terz li jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jitqies li huwa persuna li jista' jibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja.

30 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li t-tliet tipi ta' perikolu serju ddefiniti fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/83 jikkostitwixxu l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex persuna tkun tista' titqies li tibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja, meta, skont l-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva, ikun hemm raġunijiet sostanzjali u fondati għalfejn l-applikant ikollu riskju serju li jġarrab tali perikolu fil-każ li jintbagħat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini kkonċernat (sentenzi Elgafaji, C-465/07, EU:C:2009:94, punt 31, u Diakité, C-285/12, EU:C:2014:39, punt 18).

31 Ir-riskji li jkollu ċittadin ta' pajjiż terz li l-istat ta' saħħa tiegħu jiddeterjora, li ma jirriżultax mill-fatt li din il-persuna tiċċaħħad intenzjonalment mill-kura, u li fir-rigward tagħhom il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tipprovdi protezzjoni, ma humiex koperti mill-Artikolu 15(a) u (ċ) tal-imsemmija direttiva, peress li r-riskji serji ddefiniti f'dawn id-dispożizzjonijiet jikkonsistu fil-piena tal-mewt jew l-eżekuzzjoni u f'theddid serju u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ta' ċivili minħabba vjolenza indiskriminata fil-każ ta' kunflitt bl-armi nazzjonali jew internazzjonali, rispettivament.

32 L-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2004/83 jiddefinixxi perikolu serju bħala tortura jew trattament inuman jew degradanti jew sanzjonijiet fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu.

33 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod ċar li din tapplika biss għal trattament inuman jew degradanti ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Minn dan jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda l-għoti tal-benefiċċju tal-protezzjoni sussidjarja biss fil-każijiet fejn dan it-trattament ikun seħħ fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant.

34 Ċerti fatturi li huma speċifiċi għall-kuntest tal-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2004/83 għandhom, barra minn hekk, bl-istess mod bħall-għanijiet ta' din id-direttiva, jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Maatschap L.A. en D.A.B. Langestraat en P. Langestraat-Troost, C-11/12, EU:C:2012:808, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Għaldaqstant, l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva jinkludi lista ta' persuni meqjusa responsabbli għall-perikoli serji, li tikkorrobora l-idea li tali perikoli għandhom jitwettqu bl-aġir ta' terz u għalhekk ma jistgħux sempliċement jirriżultaw min-nuqqasijiet ġenerali ta' sistema ta' saħħa tal-pajjiż tal-oriġini.

36 Bl-istess mod, il-premessa 26 tal-imsemmija direttiva tippreċiża li r-riskji li għalihom hija ġeneralment esposta l-popolazzjoni ta' pajjiż jew parti minn din il-popolazzjoni normalment ma jikkostitwixxux fihom infushom theddid individwali li jiġi kklassifikat bħala perikolu serju. Isegwi li r-riskju ta' deterjorament tal-istat ta' saħħa ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jsofri minn marda serja li tirriżulta min-nuqqas ta' trattament adatt fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, sakemm dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jiċċaħħadx intenzjonalment mill-kura, ma hijiex biżżejjed sabiex din il-persuna tingħata protezzjoni sussidjarja.

37 Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-premessi 5, 6, 9 u 24 tad-Direttiva 2004/83, li minnhom jirriżulta li, filwaqt li din id-direttiva hija intiża li tikkompleta, permezz tal-protezzjoni sussidjarja, il-protezzjoni tar-refuġjati stabbilita bil-Konvenzjoni dwar l-istatus tar-refuġjati, iffirmata f'Ġinevra fit-28 ta' Lulju 1951, permezz tal-identifikazzjoni tal-persuni li għandhom ġenwinament bżonn ta' protezzjoni internazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Diakité, EU:C:2014:39, punt 33), il-kamp ta' applikazzjoni ma jestendix għal persuni awtorizzati jirrisjedu fit-territorju tal-Istati Membri għal raġunijiet oħra, jiġifieri fuq bażi diskrezzjonarja u b'kumpassjoni jew għal raġunijiet umanitarji.

38 L-obbligu li l-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2004/83 jiġi interpretat b'osservanza tal-Artikolu 19(2) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Abed El Karem El Kott *et*, C-364/11, EU:C:2012:826, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata), li jipprovdi li ħadd ma għandu jitneħħa mit-territorju lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun suġġett għal trattament inuman jew degradanti, u fid-dawl tal-Artikolu 3 tal-KEDB, li essenzjalment jikkorrispondi għalih (sentenza Elgafaji, EU:C:2009:94, punt 28), ma jistax jikkonfuta din l-interpretazzjoni.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, ċertament mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li, filwaqt li persuni li ma għandhomx in-nazzjonalità li huma suġġetti għal deċiżjoni li tawtorizza t-tneħħija tagħhom mit-territorju ma jistgħux, fil-prinċipju, jinvokaw dritt li jibqgħu fit-territorju ta' Stat Membru u jkomplu jibbenefikaw mill-assistenza u mis-servizzi mediċi, soċjali jew oħrajn ipprovduti minn dan l-Istat, id-deċiżjoni li jitneħħa mit-territorju barrani li jsofri minn marda fiżika jew mentali serja lejn pajjiż fejn il-faċilitajiet ta' trattament ta' din il-marda huma

inferjuri għal dawk disponibbli fl-imsemmi Stat tista' tqajjem kwistjoni taħt l-Artikolu 3 tal-KEDB, f'każijiet eċċezzjonali ħafna, meta l-kunsiderazzjonijiet umanitarji li jimmilitaw kontra l-imsemmija tkeċċija jkunu imperattivi (ara, b'mod partikolari, Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tas-27 ta' Mejju 2008, punt 42).

40 Minkejja dan, il-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz li jsofri minn marda serja ma jistax, skont l-Artikolu 3 tal-KEDB, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'każijiet eċċezzjonali ħafna, jitneħħa mit-territorju lejn pajjiż li fih ma hemmx l-istess trattament adatt, ma jimplikax li għandu jingħata awtorizzazzjoni ta' residenza fl-Istat Membru minħabba l-protezzjoni sussidjarja bis-saħħa tad-Direttiva 2004/83.

41 Fid-dawl ta' dak li ntqal, l-Artikolu 15(b) tad-Direttiva 2004/83 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-perikolu serju, kif deskritt fl-imsemmi artikolu, ma jkoprix sitwazzjoni li fiha trattament inuman jew degradanti, bħal dak li hemm riferiment għalih fil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jista' jkun suġġett għalih applikant li jsofri minn marda serja fil-każ ta' ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu, jirriżulta min-nuqqas ta' trattament adatt f'dan il-pajjiż, sakemm dan l-applikant ma jiċċaħħadx intenzjonalment mill-kura.

42 Madankollu, l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jippermetti lill-Istati Membri jadottaw jew iżommu fis-seħħ regoli iktar favorevoli sabiex jiddeċiedu, b'mod partikolari, liema huma l-persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' għoti tal-istatus ta' persuna li tista' tibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja, sa fejn, madankollu, dawn ir-regoli jkunu kompatibbli mal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza B u D, C-57/09 u C-101/09, EU:C:2010:661, punt 114).

43 Issa, ir-riżerva inkluża fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/83 tipprekludi li Stat Membru jadotta jew iżomm fis-seħħ dispożizzjonijiet li jagħtu l-istatus ta' persuna li tista' tibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja, prevista fl-imsemmija direttiva, lil ċittadin terz li jsofri minn marda serja, minħabba riskju ta' deterjorament tal-istat ta' saħħa tiegħu li jirriżulta min-nuqqas ta' trattament adatt fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, peress li tali dispożizzjonijiet ma humiex kompatibbli ma' din id-direttiva.

44 Fil-fatt, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru fil-punti 35 sa 37 tas-sentenza preżenti, l-għoti tal-istatus, previsti fid-Direttiva 2004/83, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu f'sitwazzjonijiet li ma jkollhom ebda rabta mal-loġika tal-protezzjoni internazzjonali, imur kontra l-istruttura ġenerali u l-għanijiet tal-imsemmija direttiva.

45 Isegwi li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax titqies, għall-finijiet tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, li hija regola iktar favorevoli sabiex jiġi deċiż liema huma l-persuni li jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni sussidjarja. Għaldaqstant, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw awtorizzazzjoni ta' residenza bis-saħħa ta' tali leġiżlazzjoni ma humiex benefiċjarji tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja, li fir-rigward tagħhom ikunu japplikaw l-Artikoli 28 u 29 tal-imsemmija direttiva.

46 Barra minn hekk, l-għoti minn Stat Membru ta' dan l-istatus ta' protezzjoni nazzjonali, għal raġunijiet oħra għajr il-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 2(a) ta' din id-direttiva, jiġifieri fuq bażi diskrezzjonarja u b'kumpassjoni jew għal raġunijiet umanitarji, ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, kif stabbilit fil-premessa 9 tal-imsemmija direttiva (sentenza B u D, EU:C:2010:661, punt 118).

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikoli 28 u 29 tad-Direttiva 2004/83, moqrija flimkien mal-Artikoli 2(e), 3, 15 u 18 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru ma huwiex marbut jipprovdi l-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa, previsti f'dawn l-artikoli, lil ċittadin ta' pajjiż terz li huwa awtorizzat jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' residenza, fl-imsemmi Stat Membru, ta' barrani li jsofri minn marda li

timplika riskju serju għall-ħajja tiegħu jew għall-integrità fiżika tiegħu jew għal trattament inuman jew degradanti, meta ma jkun jeżisti ebda trattament adatt fil-pajjiż tal-oriġini ta' dan il-barrani jew fil-pajjiż terz fejn kien jirrisjedi qabel, sakemm l-imsemmi barrani ma jiċċaħħadx intenzjonalment mill-kura f'dan il-pajjiż.

Fuq it-tieni domanda

48 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 28 u 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, moqrija flimkien mal-Artikoli 2(e), 3, 15 u 18 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru ma huwiex marbut jipprovdi l-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa, previsti f'dawn l-artikoli, lil ċittadin ta' pajjiż terz li huwa awtorizzat jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fil-kawża prinċipali, li tipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' residenza, fl-imsemmi Stat Membru, ta' barrani li jsofri minn marda li timplika riskju serju għall-ħajja tiegħu jew għall-integrità fiżika tiegħu jew għal trattament inuman jew degradanti, meta ma jkun jeżisti ebda trattament adatt fil-pajjiż tal-oriġini ta' dan il-barrani jew fil-pajjiż terz fejn kien jirrisjedi qabel, sakemm l-imsemmi barrani ma jiċċaħħadx intenzjonalment mill-kura f'dan il-pajjiż.

Firem